MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 103/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**KEITH MICALLEF**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat KEITH MICALLEF bin Martin u Mary nee Attard, li joqghod 'St. Joseph Flats', Flat 1, Triq il-Fuxa, San Gwann , Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 348379M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Marzu 2003 bejn l-ghaxra neqsin kwart u l-ghaxra w kwart ta' filghodu minn fuq il-bahar bejn Ghawdex u Malta u/jew fl-Imgarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Ghawdex;

(a) Matul l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar kemm minn fuq il-bahar kif wkoll minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasafar fosthom kwantita ta' *Garganeys*;
(b) Talli f'distanza sa tlett kilometri jew inqas mill-kosta, minn fuq *speed boat* numru S-9002 ikkaccja jew ipprova jikkaccja;
(c) Talli garr fuq il-bahar filwaqt li kien inqas minn tlett kilometri mill-kosta kif wkoll f'Imgarr ix-Xini, Sannat, Ghawdex, munizzjoni u senter tal-marka Luigi Franchi numru T-16452, ikkargat u/jew bl-iskratacc fil-magazine u/jew barra mill-ghata tieghu;
(d) Talli kellu fil-pussess tieghu senter licenzjat biex jintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin;
(e) Talli kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasafar b'mezzi elettronici u cioe bl-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrat [*pre-recorded bird calls*];
(f) Talli fl-istess data, hin u postijiet, kellu fil-pussess tieghu, spara jew uza skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2 mm f'dijametru;
(g) Talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm jew igorr munizzjon u senter numru T-16452 ghal skopjiet ta' kacca, naqas li jzomm l-istess senter u munizzjoni fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghu jigu f'idejn haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 25(2)(a) u 25(3)(a) tal-Avviz Legali 41/2003.

Rat l-artikoli tal-ligi Avviz Legali 41/2003, artikolu 2(a)(i)(c), artikolu 9(g)(ii)(aa), artikolu 9(1)(a)(f) (iii), artikolu 9(1)(g)(v), artikolu 9(2)(b), artikolu 13(1)(b), artikolu 19, artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe lil PS 1346 jghid li l-imputat ammetta li kien gie ma shabu minn Malta u garr is-senter tal-ghamla Luigi Franchi numru T-16452, registrat f'isem missieru Martin fuq il-persuna tieghu. Huwa nizel maghhom Imgarr ix-Xini pero dghajjes ma rikibx ghalkemm is-senter zammu ikkargat fuq l-art.

Illi mistoqsi jekk l-imputat qallux li kkaccja, PS 1346 wiegeb fin-negattiv. Huwa ppresenta is-senter u hames skratacc l-Qorti.

L-Ispettur Antonello Grech xehed li missier l-imputat, Martin Micallef, huwa licenzjat mal-Pulizija biex jzomm w izomm arma kif del resto jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti.

PC 1506 xehed u spjiega fejn effettivament sab is-senter li kien go *pouch* flimkien ma erbgha snieter ohra wara il-kaxix f'Imgarr ix-Xini u li l-imputat fil-presenza tieghu, ammetta li is-senter Luigi Franchi numru T-16452, jappartjeni lil missieru u li kien fil-pussess tieghu.

Il-Qorti kienet innominat b'digriet tat-tmienja ta' Mejju 2003 lil Brigadier Maurice Calleja sabiex jezamina l-iskratacc esibiti mas-senter ai fini tas-sebgha akkuza u nhar d-dsatax ta' Gunju 2003, l-istess Brigadier Maurice Calleja ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-iskratacc kienu ta' 3.1 mm u 3.2 mm ghalhekk hu com li hu permess mill-ligi.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk il-Qorti mhux ser taccetta l-ammissjoni tal-imputat ghas-sitt [6] akkuza peress li ma gietx ppruvata.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssib lil imputat KEITH MICALLEF hati tar-raba (4) u tas-sebgha (7) akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira maltin [LM 50] u tiddikjara li ma ssibux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza u tilliberah minnhom.

Oltre dan peress lli jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li s-senter u skratacc in kwistjoni huma legali u ma jappartjenux lil imputat odjern, mhux ser tordna l-konfiska taghhom favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------